Kunsill Lokali – Marsaxlokk – Local Council

# MINUTI

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali MARSAXLOKK

## IS-SEBA' LEĠISLATURA

## Laqgħa Numru 58

**Il-Ħamis 6 ta' Settembru 2018**

Il-Kunsilli Lokali Marsaxlokk iltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz 2, Triq Vittorio Cassar, Marsaxlokk MXK1051, fis-6:00 ta' filgħaxija.

**PREŻENTI:**

Horace Gauci – Sindku
Steven Grech – Viċi Sindku
Stephen Caruana – Kunsillier
Daniel Zerafa – Kunsillier
Janice Chetcuti – Kunsilliera

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**

Emma Vella – Segretarju Eżekuttiv

| | |
|---|---|
| **58.1** | **Qari ta' ittri ta' apoloġiji** |
| 58.1.1 | Ma kienx hemm, iżda minħabba raġunijiet validi l-Kunsill iddeċieda li jaġġorna l-laqgħa għas-6:00pm. |
| **58.2** | **Kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal-Minuti** |
| 58.2.1 | Kopja tal-Minuti tas-Seduta preċedenti, Seduta numru 57, kienet tqassmet lill-Kunsilliera qabel il-laqgħa u għaldaqstant il-minuti ittieħdu bħala moqrija. |
| 58.2.2 | Is-Sur Steven Grech ippropona u s-Sur Stephen Caruana ssekonda l-minuti tas-Seduta 57 u ġew approvati b'votazzjoni unanima fost dawk preżenti. |
| **58.3** | **Komunikazzjonijiet mis-Sindku** |
| 58.3.1 | Is-Sindku informa lill-Kunsilliera li nhar l-10 t'Awwissu 2018, flimkien mas-Sur Steven Grech u impjegat tal-Kunsill Lokali attenda laqgħa mal-MEIB rigward il-Monti ta' nhar ta' Ħadd. |
| 58.3.2 | Is-Sindku informa lill-Kunsilliera li nhar it-13 t'Awwissu 2018, flimkien mas-Sur Steven Grech u s-Sa Emma Vella, attenda għal laqgħa ma' uffiċjal ta' TM fejn saret *site-visit* fir-rigwrad ta' diversi xogħolijiet li jridu jsiru f'Marsaxlokk. |
| 58.3.3 | Is-Sindku informa lill-Kunsilliera li nhar l-14 u l-31 t'Awwissu 2018, flimkien mas-Sa Emma Vella attenda għal laqgħa mal-persuna responsabbli li ħa timplimenta r-rapport tar-Risk Assessment tal-Festa Ħut 2018. |
| 58.3.4 | Is-Sindku informa lill-Kunsilliera li nhar l-20 t'Awwissu 2018, flimkien mas-Sa Emma Vella attenda għal laqgħa ma' sid il-kera tal-binja tal-Kunsill Lokali rigward talba f'żieda fil-kera jekk il-Kunsill se jagħti servizz tal-Berġa mill-istess binja. |
| 58.3.5 | Is-Sindku informa lill-Kunsill Lokali li nhar l-20 t'Awwissu 2018, flimkien mas-Sa Emma Vella attenda laqgħa ma' sinjur li se jorganizza programm televiżiv dwar Marsaxlokk fejn dan talab għajnuna finanzjarja mill-Kunsill. Is-Sindku żied jgħid li flimkien mas-Segretarju Eżekuttiv informaw lis-sinjur li tali għajnuna ma tistax tingħata. |
| 58.3.6 | Is-Sindku informa lill-Kunsill Lokali li nhar il-21 t'Awwissu 2018 ġab paraventu minn Mater Dei sabiex temporanjament jadqi lir-residenti għas-servizz tal- |

| | |
|---|---|
| | Berġa mill-Binja taċ-Ċentru Edukattiv. Is-Sindku spjega kif dan is-servizz ma kompli jiġi offrut minn hemm għax ittieħdu deċiżjonijiet oħra mid-Dipartiment tas-Saħħa. |
| 58.3.7 | Is-Sindku informa lill-Kunsill Lokali li nhar il-21 t'Awwissu 2018, flimkien mas-Sur Steven Grech u s-Sa Emma Vella attenda għal laqgħa ma' rappreżentanti tad-Dipartiment tal-Agrikoltura rigward l-attività tal-Festa Ħut 2018. |
| 58.3.8 | Is-Sindku informa lill-Kunsilliera li nhar il-21 t'Awwissu 2018, flimkien mas-Sa Emma Vella ġie diskuss it-*tender* il-ġdid tal-Latrini Pubbliċi. |
| 58.3.9 | Is-Sindku informa lill-Kunsilliera li nhar l-24 u l-25 t'Awwissu 2018, kien attenda għall-*Clean-Up Activity* li saret mill-Marsaxlokk ASC fil-Bajja tal-Għar l-Aħmar. |
| 58.3.10 | Is-Sindku informa lill-Kunsilliera li nhar it-28 t'Awwissu 2018 kien attenda għal laqgħa ma' uffiċjal ta' TM rigward l-iskart fuq il-mollijiet. |
| 58.3.11 | Is-Sindku informa lill-Kunsilliera li nhar it-30 t'Awwissu 2018 kien attenda għall-attività *Spellathon* li saret fl-iSkola Primarja ta' Marsaxlokk għall-istudenti, bil-kollaborazzjoni tal-Kunsill Lokali ta' Marsaxlokk. |
| 58.3.12 | Is-Sindku informa lill-Kunsilliera li nhar it-30 t'Awwissu 2018, flimkien ma' impjegata tal-Kunsill Lokali kien attenda għal laqgħa mal-Perit tal-Gvern rigward il-pjanta tal-Monti ta' nhar ta' Ħadd f'Marsaxlokk. |
| 58.3.13 | Is-Sindku informa lill-Kunsilliera li nhar it-30 t'Awwissu 2018, attenda laqgha tar-Reġjun Xlokk fejn ġie diskuss il-kuntrattur tat-*tender* tas-*Soft Areas*, il-ħaddiema assenjati mar-Regjun, it-*tender* ta' l-*istreet lightening*, it-tiġdid tal-kuntratt tat-*tarmac* fi Triq iċ-Ċippi f'Marsaxlokk u ċ-Ċentru ġdid li se jsir mir-Regjun Xlokk f'Ħal Tarxien. |
| 58.3.14 | Is-Sindku informa lill-Kunsilliera li nhar il-31 t'Awwissu 2018, attenda għal laqgħa ma' uffiċjal ta' TM sabiex isiru t-tabelli fuq il-moll tas-sajjieda u s-*slipways*. |
| 58.3.15 | Is-Sindku informa lill-Kunsilliera li nhar l-4 ta' Settembru 2018, attenda għal laqgħa ma' wħud mis-sidien tar-ristoranti f'Marsaxlokk fejn ġie diskuss l-għan ta' riċetti tal-ħut marbuta mal-attività tal-Festa Ħut 2018. |
| 58.3.16 | Is-Sindku informa lill-Kunsilliera li nhar l-4 ta' Settembru 2018, flimkien mas-Sa Emma Vella attenda għal laqgħa ma' rappreżentanta ta' SEP Malta Ltd sabiex nhar it-23 ta' Settembru 2018 jiġi organizzat *Chinese Cultural Night* f'Marsaxlokk. |
| **58.4** | **Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri** |

| | |
|---|---|
| 58.4.1 | Is-Sur Steven Grech staqsa: "Tyre Claim ta' Pavia?" Wara diskussjoni libera ġie deċiż li l-Kunsill għandu jkellem lill-Avukat f'dan ir-rigward sabiex jitlob parir. |
| 58.4.2 | Is-Sur Steven Grech staqsa: "Kunsill ġewwa w barra?" Wara diskussjoni libera ġie deċiż li għandha tinżamm laqgħa mal-*Lands* u mal-Ministru fir-rigward tal-binja tal-Kunsill u s-Segretarju Eżekuttiv kellu jżomm laqgħa mal-imjegati fir-rigward ta' ċertu tibdil fl-amministrazzjoni tal-Kunsill. |
| 58.4.3 | Is-Sur Steven Grech staqsa: "Bye-law Skalien?" Is-Segretraju Eżekuttiv informa lill-kunsilliera preżenti li qed jistenna risposta mill-Koperattivi. |
| 58.4.4 | Is-Sur Steven Grech staqsa: "Imwejjed u Siġġijiet?" Is-Sindku informa lill-Kunsilliera preżenti li qed jipprepara lista ta' difikultajiet ta' kull stabbiliment u ser jikkomunika mal-PA. |
| 58.4.5 | Is-Sur Steven Grech staqsa: "Monti?" Wara diskussjoni libera ġie deċiż li qabel ma jintalab kumpens għat-tindif mill-bejjiegħa tal-Monti, is-Sindku kien ser jikkomunika mad-Dipartiment tal-*Cleansing* f'dan ir-rigward. |
| 58.4.6 | Is-Sur Steven Grech staqsa: "Port Ruman?" Is-Sur Steven Grech informa lill-Kunsilliera preżenti li s-sinjur li tefa' planki temporanjament f'għalqa tal-Gvern ser ineħħihom fil-ġimgħat li ġejjin. |
| 58.4.7 | Is-Sa Janice Chetcuti staqsiet: "Hemm bżonn li insibu rimedju imminenti rigward is-sigurtà għan-nies ġewwa Triq iż-Żejtun. Fuq in-naħa tal-lemin tat-triq għan-nizla lejn Marsaxlokk, il-bankina qed tiġi ingumbrata kontinwament minn karozzi li qed jiġu ipparkjati ankè fuqha, dan b'riżultat li n-nies ikunu ostakolati milli jgħaddu minn fuq il-bankina u għaldaqstant ma jkollhomx ozzjoni oħra ħlief li jimxu fit-triq esposti għall-periklu tal-karozzi. Is-sitwazzjoni tkompli tiggrava meta jkollok nies bi trabi ġewwa *pushchairs/prams* jew inkella nies bi bżonnijiet speċjali. Importanti li nsibu soluzzjoni għal dan." Wara diskussjoni libera ġie deċiż li s-Sindku ser jikkomunika mal-Perit konċernat ta' meta saret it-Triq imsemmija. |
| 58.4.8 | Is-Sa Janice Chetcuti staqsiet: "Id-direttorat tal-Fisheries u l-Akwakoltura ċaħad li għandu xi tip ta' dominju fuq il-moll ta' quddiem Torri Vendome. Dan tistqarru *email* mill-istess Direttur Ġenerali, fejn hi ssuġeritilna li napplikaw biex f'Marsaxlokk ikollna *Port Waste Facility*. Nistgħu naraw x'inhuma l-linji gwida biex dan isir? Il-ħmieġ u l-iskart fl-inhawi huma insapportabbli." Wara diskussjoni libera ġie deċiż li s-Sindku ser jikkomunika mal-ufficjal responsabbli minn TM sabiex tinġabar aktar informazzjoni u gwida rigward il-*Port Waste Facility*. |
| **58.5** | **Rapporti** |

| | |
|---|---|
| 58.5.1 | - Permezz ta' Ċirkolari 2018/107 datata 5 ta' Settembru 2018 mibgħuta mill-Assoċjazzjoni tal-Kunsill Lokali, il-Kunsilliera ġew infurmati bi ftehim bejn l-istess Assoċjazzjoni u l-ARMS rigward ħlas ta' kontijiet tad-Dawl u l-Ilma fil-Kunsilli Lokali. Wara diskussjoni libera u b'vot unanimu bejn il-Kunsilliera preżenti ġie deċiż li dan is-servizz ma għandux jingħata mill-Kunsill Lokali minħabba diffikultajiet varji.<br><br>- Permezz ta' korrispondenza datata 20 ta' Lulju 2018 mibgħuta mill-Fondazzjoni GAL Xlokk rigward fondi tal-EU dwar żvilupp ta' *Green infrastructure*. Wara diskussjoni libera ġie deċiz li s-Sindku ser jattendi għall-konsultazzjoni pubblika li kellha tinżamm f'dan ir-rigward.<br><br>- Permezz ta' korrispondenza datata 19 ta' Lulju 2018 mibgħuta mill-Wasteserv, il-Kunsill ġie infurmat sabiex jipparteċipa f'inizjattiva annwali tal-*European Week for Waste Reduction*. Wara diskussjoni libera bejn il-Kunsilliera preżenti ġie deċiż li għandha tinżamm laqgħa mal-Wasteserv sabiex tingħata aktar informazzjoni.<br><br>- Permezz ta' korrispondenza minn sid ta' stabbiliment f'Marsaxlokk, il-Kunsill ġie infurmat b'rikjesta għal tabella u parkeġġ ta' *Un/Loading Bay* fi Triq Duncan. Wara diskussjoni libera ġie deċiż li għandha tintbgħat applikazzjoni lil TM għall-approvazzjoni u li l-ġranet ta' *Un/Loading* għandhom ikunu mit-Tnejn sas-Sibt.<br><br>- Permezz ta' korrispondenza datata 17 t'Awwissu 2018 mibgħuta mingħand sid ta' stabbiliment f'Marsaxlokk, il-Kunsill ġie infurmat b'rikjesta għal tabella u parkeġġ ta' *Un/Loading Bay*. Wara diskussjoni libera ġie deċiz li għandha tintbgħat applikazzjoni lil TM għall-approvazzjoni u li l-ġranet ta' *Un/Loading* għandhom ikunu mit-Tnejn sas-Sibt.<br><br>- Permezz ta' korrispondenza datata 3 ta' Settembru 2018 mibgħuta mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali, il-Kunsilliera ġew infurmati bil-proċeduri ta' akkumulazzjoni tal-*leave* vakanti mis-sena 2018 sa 2019 tas-Segretarju Eżekuttiv. Għaldaqstant is-Sa Emma Vella talbet lill-Kunsilliera preżenti sabiex jikkunsidraw li 50% tal-*leave* vakanti tagħha tas-sena 2018 jiġi trasferit għas-sena 2019. Is-Segretarju Eżekuttiv spjega li l-*leave* vakanti tagħha ma setgħax jiġi mittiħed kollu minħabba prioritajiet tax-xogħol. Wara vot unanimu bejn il-Kunsilliera preżenti, it-trasferiment tal-*leave* vakanti tas-Segretarju Eżekuttiv ġie approvat.<br><br>- Il-Kunsill Lokali iddiskuta l-applikazzjonijiet għal żvilupp bin-numri:<br>PA/07379/18, PA/07424/18, PA/02629/18, PA/02923/18, PA/07685/17, EC/00122/18, PA/05393/18, RG/03130/18, PA/07244/18, PA/07273/18, |

| | |
|---|---|
| | PA/06910/18, PA/07104/18, PA/02610/18, PA/06197/17, PA/09335/17, PA/10586/17, PA/06748/18, PA/06749/18.<br><br>Ġie deċiż illi ma kellha tinstab ebda oġġezzjoni għall-applikazzjonijiet imsemmija ħlief għal dik PA/07379/18 u li għaliha il-Kunsill Lokali kellu joġġezzjona. |
| **58.6** | **Mozzjonijiet** |
| 58.6.1 | Ma kienx hemm. |
| **58.7** | **Sejħiet għall-Offerti** |
| 58.8.5 | Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-Kunsilliera li t-*tender* il-ġdid tal-*Public Conveniences* kien ġie diskuss mas-Sindku. Għaldaqstant id-*draft* tat-*tender* kien sar u kellu jiġi diskuss mill-Kunsilliera preżenti sabiex jiġi deċiz għandhomx isiru xi emendi. Wara diskussjoni libera ġie deċiż li l-*attendant* ma jkunx preżenti fis-sigħat kollha tal-ftuħ u letrina minnhom (Torri Vendome) kellha tinfetaħ biss mill-Ġimgħa sal-Ħadd, u dan għar-raġuni li l-ispiza kienet se titla' ħafna u ma tkunx vijabbli għall-Kunsill Lokali. Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-Kunsilliera li se jirrevedi r-rata b'dawn il-kundizzjonijiet imsemmijja u jinforma lura lill-Kunsill dwar is-sitwazzjoni. |
| **58.9** | **Festa Ħut 2018** |
| 58.9.1 | Is-Sindku informa lill-Kunsilliera li d-diskussjonijiet marbuta mal-attivita tal-Festa Ħut 2018 għadhom għaddejjijn u kellha tinżamm laqgħa oħra nhar it-Tnejn 10 ta' Settembru flimkien mal-Koperattivi u l-Ministeru tal-Agrikoltura. |
| **58.10** | **Kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal-iskedi ta' pagamenti** |
| 58.10.1 | Is-Sindku poġġa fuq il-mejda tal-Kunsill Lokali skeda ta' pagamenti (Skeda nru. 09/18) għall-approvazzjoni. |
| 58.10.2 | Fuq mozzjoni tas-Sur Steven Grech, issekondata mis-Sur Stephen Caruana, il-Kunsill Lokali unanimament approva l-lista li hi annessa u tifforma parti minn dawn il-minuti. |
| 58.10.3 | Is-Sindku poġġa fuq il-mejda tal-Kunsill Lokali il-lista ta' *petty cash* maħruġ matul ix-xahar t'Awwissu għall-approvazzjoni tal-Kunsill Lokali. |
| **58.11** | **Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss** |

| | |
|---|---|
| 58.11.1 | Is-Seduta tal-Kunsill Lokali intemmet fid-8:45p.m. wara li ġiet eżawrita l-aġenda, u ġiet aġġornata għal nhar il-Ħamis 11 t'Ottubru 2018 fl-4:30p.m. |

Konfermati, illum 11 t'Ottubru 2018.

**IFFIRMATA**

________________

**Horace Gauci**
Sindku

**IFFIRMATA**

________________

**Emma Vella**
Segretarju Eżekuttiv